Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/2080(INL)

26.6.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol – tiswir tal-futur tax-xogħol
(2025/2080(INL))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Andrzej Buła

(Inizjattiva – l-Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura)

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA.....10

NOTA SPJEGATTIVA 18

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....20

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol – tiswir tal-futur tax-xogħol
(2025/2080(INL))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

– wara li kkunsidra l-linji gwida politiċi tal-President tal-Kummissjoni tat-18 ta' Lulju 2024 bit-titolu "Europe's Choice – Political Guidelines for the Next European Commission 2024-2029" (L-Għażla Quddiem l-Ewropa – Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024-2029),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2025 bit-titolu "L-Unjoni tal-Ħiliet",

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (id-Direttiva Qafas)[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati fil-Komunità Ewropea - Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar ir-rappreżentanza tal-impjegati[2],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea[3],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2024/2831 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi[4],

---

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).
[2] Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea - Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-rappreżentanza tal-ħaddiema (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).
[3] Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).
[4] Id-Direttiva (UE) 2024/2831 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L, 2024/2831,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali)[5],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Mejju 2023 dwar pjan direzzjonali lejn Ewropa soċjali – sentejn wara s-Summit Soċjali ta' Porto (2023/2586(RSP)),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2025 dwar l-aspetti soċjali u relatati mal-impjiegi tal-proċessi ta' ristrutturar: il-ħtieġa li jiġu protetti l-impjiegi u d-drittijiet tal-ħaddiem (2024/2829(RSP)),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2025 dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus wara l-2027 (2024/2077(INI)),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Intelliġenza artifiċjali favur il-ħaddiema" (SOC/803),

– wara li kkunsidra r-rapporti Draghi u Letta,

– wara li kkunsidra r-rapport finali tal-istudju kkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Study exploring the context, challenges, opportunities, and trends in algoritmic management" (Studju li jesplora l-kuntest, l-isfidi, l-opportunitajiet u x-xejriet fil-ġestjoni algoritmika) (VT-2022–035),

– wara li kkunsidra l-Valutazzjoni tal-Valur Miżjud Ewropew ta' xxx 2025 [għad irid jiġi ppublikat], bit-titolu "Id-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol – tiswir tal-futur tax-xogħol",

– wara li kkunsidra l-Artikoli 47 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A10-0000/2025),

---

11.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/2831/oj).

[5] Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj).

[6] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

A. billi t-tranżizzjoni diġitali, xprunata mid-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali (IA), qed issawwar mill-ġdid b'mod profond is-swieq tax-xogħol, qed twassal għall-għajbien ta' xi impjiegi u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda, u qed tbiddel in-natura tal-kompiti f'dawk eżistenti, u għalhekk teħtieġ adattament kontinwu min-negozji u l-ħaddiema;

B. billi t-tranżizzjoni diġitali fuq il-post tax-xogħol għandha titmexxa b'mod li jsaħħaħ il-produttività, l-innovazzjoni, u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u tas-suq komuni; billi din it-tranżizzjoni trid fl-istess ħin tirrispetta l-prinċipji tal-progress soċjali, filwaqt li tiżgura li tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, impjiegi ta' kwalità, u l-benesseri tal-ħaddiema kollha;

C. billi t-tranżizzjoni diġitali fis-suq tax-xogħol qed tixpruna domanda dejjem akbar kemm għall-ħiliet diġitali u tal-IA bażiċi kif ukoll għal dawk ta' livell għoli;

D. billi l-integrazzjoni rapida tas-sistemi tal-IA mhijiex akkumpanjata minn taħriġ suffiċjenti, bi 15 % biss tal-ħaddiema pparteċipaw f'taħriġ rilevanti fl-2023 filwaqt li 42 % tal-ħaddiema jirrikonoxxu l-ħtieġa li jtejbu l-ħiliet tagħhom relatati mal-IA u 61 % jipprevedu rekwiżiti ġodda ta' ħiliet fil-ħames snin li ġejjin; billi dawk l-aktar fil-bżonn ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali huma dawk l-anqas probabbli li jieħdu sehem fih[7];

E. billi l-adattament tas-sistemi edukattivi, inkluż is-settur tal-VET, huwa essenzjali biex l-istudenti jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa biex jirnexxu f'soċjetà kompetittiva, diġitali u teknoloġikament avvanzata;

F. billi l-IA u l-ġestjoni algoritmika jipprovdu bosta opportunitajiet għall-ottimizzazzjoni tax-xogħol, saħħa u sikurezza okkupazzjonali mtejba kif ukoll sodisfazzjon tal-impjegati, iżda jippreżentaw ukoll ċerti riskji; billi l-użu tal-IA u l-ġestjoni algoritmika jistgħu jnaqqsu l-kompiti tedjużi u l-ammont ta' xogħol ġenerali, itejbu l-allokazzjoni tal-kompiti u l-produttività, jipprevjenu r-riskji okkupazzjonali u jintroduċu tnaqqis fl-ispejjeż;

G. billi huwa importanti li jiġu indirizzati r-riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw mill-IA u l-ġestjoni algoritmika bħall-pressjoni tal-ħin u tal-prestazzjoni, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, il-monitoraġġ u s-sorveljanza kif ukoll l-iżolament soċjali u l-istress;

H. billi l-varar tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol jinvolvi l-ġbir u l-ipproċessar ta' volum kbir ta' data dwar l-impjegati, li jista' jqajjem tħassib dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza u jirrikjedi diliġenza dovuta fil-ġestjoni tiegħu;

I. billi huwa stmat li aktar minn kwart tal-kumpaniji fl-Unjoni jużaw mill-anqas forma waħda ta' ġestjoni algoritmika; billi l-adozzjoni tal-ġestjoni algoritmika x'aktarx li tikber b'mod sinifikanti fis-snin li ġejjin[8];

J. billi 62 % tal-Ewropej għandhom perspettiva pożittiva tal-użu tar-robots u l-IA fuq il-

[7] https://www.cedefop.europa.eu/en/publications/9201

[8] https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/5afb4511-0ddf-11f0-b1a3-01aa75ed71a1/language-mt : "jista' jiġi argumentat li aktar minn kwart tal-kumpaniji fl-UE-27 jużaw il-ġestjoni algoritmika abbażi tal-metodu Delphi, u x'aktarx li fl-10 snin li ġejjin il-ġestjoni algoritmika se tikber minn 3 % għal 6 % kull sena."

post tax-xogħol[9]; billi dan l-approċċ pożittiv għall-użu ta' teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol huwa aktar mifrux fost iż-żgħażagħ, dawk li jaħdmu u dawk b'livell ogħla ta' edukazzjoni[10];

K. billi l-konsultazzjoni u l-involviment tal-maniġers, kif ukoll tal-impjegati u tar-rappreżentanti tagħhom fl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda jsaħħu b'mod sinifikanti l-aċċettazzjoni u l-perċezzjonijiet pożittivi, jimmassimizzaw il-benefiċċji u jindirizzaw ir-riskji ta' dawk it-teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol;

L. billi l-biċċa l-kbira tal-Ewropej jappoġġjaw regoli dwar it-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol, b'aktar minn 80 % jappoġġjaw ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-privatezza tal-ħaddiema u 77 % jappoġġjaw l-involviment tal-ħaddiema fid-disinn u fl-adattament tat-teknoloġija[11];

1. Jenfasizza li kull teknoloġija ġdida għandha tiġi varata u użata bl-għan ġenerali li taqdi lin-nies u għandha tiġi ġestita mill-persuni f'konformità mal-prinċipju inkonfutabbli ta' "bniedem fil-kontroll";

Għoti tas-setgħa lill-ħaddiema bil-ħiliet u l-għarfien

2. Jisħaq li teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol jistgħu jikkostitwixxu vantaġġ kompetittiv u huma ppruvati li jipprovdu redditu aħjar lill-kumpaniji li jużawhom; jissottolinja f'dan ir-rigward il-fatt li l-kumpaniji għandhom jiġu mħeġġa jintegraw tali teknoloġiji b'mod responsabbli u trasparenti; jisħaq li l-użu ta' tali teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol għandu jiġi ssorveljat b'mod metikoluż aktar milli ristrett, u jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa ta' qafas regolatorju ċar li jiżgura l-kompetizzjoni ġusta u jevita l-frammentazzjoni tas-suq uniku;

3. Jirrikonoxxi li t-taħriġ fuq il-post tax-xogħol dwar teknoloġiji ġodda introdotti fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw direttament il-kompiti u l-prestazzjoni tal-impjegati huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-benesseri, is-sikurezza u l-iżvilupp professjonali tal-ħaddiema, kif ukoll biex tissaħħaħ l-adattabbiltà ġenerali, u l-kompetittività tal-kumpaniji[12]; jisħaq li l-ħaddiema jeħtiġilhom jingħataw biżżejjed żmien u appoġġ biex jiffamiljarizzaw lilhom infushom ma' tali teknoloġiji qabel ma dawn jiġu varati bis-sħiħ;

4. Jilqa' l-inizjattiva tal-Unjoni tal-Ħiliet; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-pjan direzzjonali mistenni dwar il-Kwalità tal-Impjiegi jirrifletti bis-sħiħ il-ħtieġa ta' titjib tal-ħiliet, taħriġ mill-ġdid u taħriġ fuq il-post tax-xogħol kontinwi dwar l-IA u l-ġestjoni algoritmika; jisħaq li l-inizjattivi rilevanti kollha li għandhom l-għan li jappoġġjaw lill-ħaddiema u lill-kumpaniji f'din it-tranżizzjoni jridu jiġu appoġġjati b'mod adegwat, inkluż permezz ta' riżorsi finanzjarji suffiċjenti fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali;

5. Jenfasizza r-rwol importanti tal-Fond Soċjali Ewropew+ fit-tħejjija kemm tal-forza tax-xogħol attwali kif ukoll futura għat-tranżizzjoni diġitali permezz ta' investiment fil-

[9] https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222
[10] Eurobarometer, Mejju 2024 https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222
[11] https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222
[12] Studji ta' każijiet: https://healthy-workplaces.osha.europa.eu/en/media-centre/news/real-world-learnings-implementing-worker-management-through-ai

ħiliet, fit-taħriġ u fl-opportunitajiet ta’ impjieg inklużivi; jistieden lill-Kummissjoni żżomm u tkompli ssaħħaħ il-Fond fil-perjodu ta’ wara l-2027 b’mod li jiżgura l-aċċess għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid diġitali, sabiex ikun jista’ jkompli jservi bħala strument ewlieni tal-Unjoni għall-appoġġ ta’ tranżizzjoni diġitali ġusta u inklużiva;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmonitorjaw regolarment id-domanda u l-provvista fis-suq tax-xogħol, f’kooperazzjoni mas-sħab soċjali, bil-għan li jantiċipaw aħjar il-ħiliet futuri meħtieġa biex jitħaddan il-potenzjal tat-tranżizzjoni diġitali; jilqa’ f’dan ir-rigward il-proposta għall-ħolqien ta’ Osservatorju Ewropew tal-Informazzjoni dwar il-Ħiliet;

7. Jinsab imħasseb li l-użu tal-IA u tas-sistemi ta’ ġestjoni algoritmika qed jikkontribwixxi għat-tneħħija gradwali tal-impjiegi fil-livell tad-dħul, li tradizzjonalment iservu bħala punt ta’ aċċess essenzjali għas-suq tax-xogħol; jissottolinja l-fatt li din ix-xejra tirriskja li taffettwa b’mod sproporzjonat liż-żgħażagħ u lill-persuni li qed ifittxu impjieg għall-ewwel darba; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri proattivi biex jiżguraw li ż-żgħażagħ li jidħlu fis-suq tax-xogħol jiġu appoġġjati b’mod adegwat u jingħataw opportunitajiet ta’ impjieg sinifikattiv fl-ekonomija diġitali li qed tevolvi;

Ħolqien ta’ post tax-xogħol sikur u inklużiv

8. Jisħaq li l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-għodod li jippermettu l-konnettività kostanti kif ukoll il-monitoraġġ u s-sorveljanza f’ħin reali, joħolqu bosta riskji għas-saħħa mentali tal-ħaddiema billi jċajpru l-konfini bejn il-ħajja professjonali u dik privata; jissottolinja l-fatt li tali żviluppi jistgħu jwasslu għal stress eċċessiv relatat max-xogħol, burnout, deterjorament tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u sentiment dejjem akbar ta’ iżolament soċjali;

9. Jirrikonoxxi li l-ġestjoni algoritmika tista’ żżid il-pressjoni tal-prestazzjoni li tista’ twassal għal riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza, bħal disturbi muskoloskeletali u kardjovaskulari jew eżawriment, li jwasslu biex il-ħaddiema jinjoraw jew ma jagħtux kas it-twissijiet ta’ sikurezza, u dan iżid b’mod sinifikanti r-riskju ta’ aċċidenti fuq il-post tax-xogħol;

10. Jissottolinja l-fatt li dawk ir-riskji għandhom jiġu indirizzati b’mod komprensiv u li kwalunkwe varar ġdid jew bidla sinifikanti tal-għodod tal-IA jew tas-sistemi ta’ ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza u monitoraġġ kontinwu; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f’kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jiżviluppaw gwida speċifika għas-settur dwar l-użu responsabbli tal-IA fuq il-post tax-xogħol u jiskambjaw l-aħjar prattiki;

11. Jissottolinja r-rwol kruċjali tad-djalogu soċjali u l-involviment attiv tar-rappreżentanti tal-impjegati fil-varar tal-IA u t-teknoloġiji tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol; jisħaq li l-parteċipazzjoni sinifikattiva tal-ħaddiema fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet kif ukoll l-għoti ta’ informazzjoni u t-taħriġ fuq il-post tax-xogħol jgħinu biex jiġi żgurat li l-ħaddiema jifhmu t-teknoloġiji ġodda u jinvolvu ruħhom b’mod kunfidenti fihom, filwaqt li jrawmu sens ta’ awtonomija u fiduċja u jwasslu għal integrazzjoni aħjar tal-IA fuq il-post tax-xogħol;

12. Jissottolinja l-ħtieġa ta’ assenjazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet ta’ sorveljanza fi struttura organizzazzjonali frekwentament kumplessa tal-postijiet tax-xogħol li se tiżgura r-responsabbiltà, tiffaċilita s-superviżjoni effettiva mill-bniedem, u tippermetti lill-ħaddiema jidentifikaw il-punt ta’ kuntatt uman fil-każ ta’ kwalunkwe dubju, tħassib, jew ħtieġa ta’ kjarifika;

13. Jenfasizza li hemm sfidi partikolari li l-persuni b’diżabbiltà, il-ħaddiema akbar fl-età u l-individwi vulnerabbli jistgħu jiffaċċjaw biex jadattaw għat-teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintroduċu miżuri ta’ appoġġ inklużivi u mfassla apposta lejn il-parteċipazzjoni dejjem akbar tagħhom fis-suq tax-xogħol u jiżguraw li kulħadd jibbenefika mill-avvanzi teknoloġiċi;

14. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu soluzzjoni raġonevoli effettiva għall-persuni b’diżabbiltà billi jirrispettaw l-awtorità aħħarija tagħhom biex jiddeterminaw jekk it-teknoloġiji ta’ assistenza bbażati fuq l-IA fuq il-post tax-xogħol jissodisfawx il-ħtiġijiet individwali tagħhom;

Żgurar ta’ ambjent regolatorju li jibqa’ validu fil-futur

15. Jisħaq li jekk l-Unjoni għandha l-għan li tkun fuq quddiem nett tat-tranżizzjoni diġitali, jeħtiġilha tmexxi bl-eżempju fl-istabbiliment ta’ standards għoljin għall-użu tal-IA fl-ambjenti tax-xogħol, inklużi regoli ċari dwar it-trasparenza u s-sorveljanza mill-bniedem; jilqa’, f’dan ir-rigward, id-Direttiva (UE) 2024/2831 dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi, li timmarka l-ewwel pass importanti fir-regolamentazzjoni tal-ġestjoni algoritmika billi tintroduċi, fost l-oħrajn, obbligi ta’ trasparenza f’setturi fejn tali teknoloġiji qed isawru dejjem aktar id-deċiżjonijiet dwar ix-xogħol u d-drittijiet tal-ħaddiema;

16. Jistieden lill-Istati Membri u lill-impjegaturi jirrikonoxxu u jimplimentaw b’mod effettiv id-dritt għall-iskonnessjoni bħala salvagwardja fundamentali biex jipproteġu lill-ħaddiema milli jkunu aċċessibbli jew immonitorjati b’mod permanenti barra mill-ħinijiet tax-xogħol miftiehma;

17. Jissottolinja l-fatt li l-użu dejjem akbar tal-IA u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol iqajjem għadd kbir ta’ sfidi li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza tal-impjegati, li jirrikjedu kunsiderazzjoni bir-reqqa u reazzjonijiet regolatorji xierqa;

18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b’mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs), diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura relatata mal-ġestjoni algoritmika titfassal bl-objettiv ċar ta’ simplifikazzjoni u faċilità ta’ konformità; jenfasizza l-ħtieġa ta’ gwida, għodod u mekkaniżmi ta’ appoġġ imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda b’mod effettiv;

19. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikoli 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (b), u l-Artikolu 16(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal Direttiva dwar il-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;

20. Iqis li kwalunkwe implikazzjoni finanzjarja tal-proposti mitluba għandha tkun koperta minn allokazzjonijiet baġitarji eżistenti;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-anness lill-Kummissjoni u lill-Kunsill kif ukoll lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA

TEST TAL-PROPOSTA LEĠIŻLATTIVA MITLUBA

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (b), u l-Artikolu 16(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[3],

Billi:

(1) L-iskala, il-profondità u l-pass rapidu bla preċedent tat-trasformazzjoni, u l-impatt profond tagħha fuq ix-xejriet tax-xogħol jippreżentaw sfidi trażversali li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni.

(2) Is-sistemi ta' ġestjoni algoritmika jenħtieġ li jinftiehmu bħala għodod u faċilitaturi li jservu kemm lill-impjegaturi kif ukoll lill-ħaddiema billi jtejbu l-effiċjenza, jiffaċilitaw it-teħid tad-deċiżjonijiet, u jappoġġjaw organizzazzjoni aħjar tax-xogħol. Meta jintużaw b'mod responsabbli u trasparenti, tali sistemi jistgħu jikkontribwixxu għal prattiki aktar ibbilanċjati u infurmati fuq il-post tax-xogħol. Il-varar bir-reqqa tagħhom skont sett komuni ta' regoli tal-Unjoni jenħtieġ li jisfrutta l-potenzjal tagħhom li jiżgura l-implimentazzjoni b'mod li jirrispetta d-drittijiet fundamentali, irawwem il-fiduċja u jippromwovi l-benesseri ġenerali tal-ħaddiema.

(3) In-nuqqas ta' fehim ċar tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika jimpedixxi lill-ħaddiema milli jaffermaw b'mod effettiv id-drittijiet tad-data tagħhom, u dan ikompli jsaħħaħ l-iżbilanċ tal-poter favur l-impjegatur. Hemm evidenza li l-involviment

[1] ĠU ...
[2] ĠU ...
[3] Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ...

tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom fil-konsultazzjonijiet itejjeb kemm il-prestazzjoni kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol[4].

(4) L-att dwar l-IA jirrappreżenta pass sinifikanti ’l quddiem fir-regolamentazzjoni tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali b’riskju għoli, madankollu għadu insuffiċjenti biex jiġu indirizzati bis-sħiħ l-isfidi ppreżentati mill-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm jikklassifika l-għodod tal-IA relatati max-xogħol bħala riskju għoli, l-enfasi primarja tiegħu hija fuq it-tqegħid fis-suq, is-sikurezza tal-prodotti, u l-obbligi ta’ konformità għall-fornituri u l-utenti, u mhux fuq ir-relazzjoni bejn l-impjegatur u l-ħaddiem. Barra minn hekk, l-Att dwar l-IA ma japplikax għal sistemi ta’ ġestjoni algoritmika li mhumiex ibbażati fuq l-IA, u dan iħalli lakuna regolatorja fl-indirizzar tal-impatt usa’ tal-għodod ta’ ġestjoni diġitali fuq id-drittijiet tal-ħaddiema, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-djalogu soċjali.

(5) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) imur lura għall-2016 u ma kienx imfassal speċifikament biex jindirizza l-isfidi partikolari tal-protezzjoni tad-data fuq il-post tax-xogħol, u minn dak iż-żmien ir-realtajiet teknoloġiċi u fuq il-post tax-xogħol evolvew b’mod sinifikanti, b’tali mod li dan jirrikjedi aġġornament u tisħiħ tad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data applikabbli għall-impjiegi, peress li bħalissa jħalli lok għall-interpretazzjoni. L-Artikolu 15(1), il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2016/679, li jistabbilixxi r-rekwiżiti ta’ trasparenza għall-ipproċessar tad-data u l-limitazzjonijiet ta’ tali pproċesssar, jipprevedi biss projbizzjonijiet ċari fil-każ ta’ proċessi ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet kompletament awtomatizzati, li għalhekk mhumiex biżżejjed fil-biċċa l-kbira tal-kuntesti relatati mal-impjiegi. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2016/679 jadotta approċċ individwalistiku u ma jagħtix drittijiet kollettivi. Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Artikolu 88 dwar il-protezzjoni tad-data personali tal-ħaddiema ġie implimentat ħażin u għadu fil-biċċa l-kbira ineffettiv fi kważi l-Istati Membri kollha [6].

(6) Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] (id-Direttiva dwar l-informazzjoni u l-Konsultazzjoni) tipprovdi biss informazzjoni ġenerali dwar id-dritt kollettiv għall-konsultazzjoni filwaqt li d-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019[8] (id-Direttiva dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli) ma ssemmix b’mod espliċitu d-dritt għall-informazzjoni dwar is-sistemi ta’ ġestjoni algoritmika u mhijiex speċifika biżżejjed biex

[4] OECD 2023. https://www.oecd.org/en/publications/the-impact-of-ai-on-the-workplace-main-findings-from-the-oecd-ai-surveys-of-employers-and-workers_ea0a0fe1-en.html; https://www.eurofound.europa.eu/en/publications/2020/european-company-survey-2019-workplace-practices-unlocking-employee-potential;

[5] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[6] Abraha H. (2023), Article 88 GDPR and the Interplay between EU and Member State Employee Data protection rules (L-Artikolu 88 tal-GDPR u l-interazzjoni bejn ir-regoli tal-UE u dawk tal-Istati Membri rigward il-protezzjoni tad-data tal-impjegati), The Modern Law Review.

[7] Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea - Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-rappreżentanza tal-ħaddiema (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).

[8] Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).

tindirizza l-kumplessità tas-sistema ta' ġestjoni algoritmika. Dawk id-direttivi ma jiggarantixxux id-dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni dwar il-funzjonament, il-loġika, jew l-impatt tas-sistemi algoritmiċi fuq l-organizzazzjoni u l-evalwazzjoni tax-xogħol tagħhom u jonqsu milli jinvolvu lill-ħaddiema.

(7) Fl-Unjoni hemm madwar 20 miljun persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati, li jammontaw għal kważi 10 % tal-forza tax-xogħol[9]. Huma ma għandhomx aċċess għal protezzjoni soċjali sħiħa iżda huma ugwalment soġġetti għal teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-prestazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-ġustizzja, u jiġi evitat l-isfruttament, fil-forom kollha tax-xogħol modern, id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jenħtieġ li japplikaw għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati.

(8) Din id-Direttiva jenħtieġ li tistabbilixxi standards minimi komuni tal-Unjoni għall-użu tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li tiżgura aktar trasparenza u ċertezza legali madwar l-Istati Membri. Billi toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji kollha, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, jenħtieġ li d-direttiva jkollha l-għan li tappoġġja adozzjoni ġusta u responsabbli tal-għodod ta' ġestjoni algoritmika. Barra minn hekk, se ttejjeb iċ-ċarezza u l-prevedibbiltà għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, filwaqt li tarrikkixxi l-esperjenza tax-xogħol tagħhom, trawwem il-fiduċja fit-teknoloġiji diġitali, u tgħin biex jittaffew ir-riskji potenzjali assoċjati mat-teħid ta' deċiżjonijiet algoritmiku fil-kuntesti tal-impjiegi,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-użu trasparenti tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.

2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ħaddiem u impjegatur fl-Unjoni kif ukoll għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati u għall-akkwirenti rilevanti ta' servizzi.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "ġestjoni algoritmika" tfisser l-użu ta' sistemi awtomatizzati għall-monitoraġġ, is-superviżjoni, l-evalwazzjoni, jew it-teħid jew l-appoġġ ta' deċiżjonijiet b'mezzi elettroniċi, rigward il-prestazzjoni tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-

[9] https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/-/DDN-20200615-1?utm_source=chatgpt.com

ħaddiema inklużi s-sistemi li jipproċessaw id-data personali biex jissorveljaw l-attivitajiet fl-ambjent tax-xogħol, kif ukoll is-sistemi li jieħdu jew jappoġġjaw id-deċiżjonijiet li jaffettwaw b'mod sinifikanti lill-ħaddiema jew lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, bħall-organizzazzjoni ta' assenjazzjonijiet tax-xogħol, il-qligħ, is-sikurezza u s-saħħa, il-ħin tax-xogħol, l-aċċess għat-taħriġ, il-promozzjoni, u l-istatus kuntrattwali;

2. "ħaddiem" tfisser persuna li titqies li għandha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, inklużi ftehimiet kollettivi u l-prattika nazzjonali;

3. "persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati" tfisser persuna li ma għandha l-ebda kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg, u li tiddependi primarjament fuq ix-xogħol personali tagħha stess għall-forniment tas-servizzi kkonċernati;

4. "impjegatur" tfisser persuna naturali jew legali bħala parti minn kuntratti tal-impiegi jew f'relazzjonijiet ta' impieg mal-ħaddiema, f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali;

5. "akkwirent ta' servizzi" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li hija parti għal ftehim kuntrattwali ma' persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati għall-forniment ta' servizzi jew kompiti speċifiċi.

Artikolu 3

Trasparenza u aċċess għall-informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jipprovdu, rispettivament, lill-ħaddiema tagħhom u lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati li magħhom għandhom kuntratt, u lir-rappreżentanti tagħhom, informazzjoni, bil-miktub, dwar l-użu jew l-użu ppjanat ta' sistemi għall-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi:

   (a) dikjarazzjoni ċara li s-sistemi ta' ġestjoni algoritmika qed jintużaw jew hemm il-ħsieb li jiġu introdotti, inkluża deskrizzjoni ġenerali tal-iskop tagħhom;

   (b) il-kategoriji ta' data miġbura u pproċessata minn tali sistemi fir-rigward tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, inkluża d-data relatata mal-imġiba u mal-prestazzjoni tagħhom, kif ukoll it-tipi ta' azzjonijiet jew attivitajiet immonitorjati;

   (c) indikazzjoni ċara ta' jekk id-data miġbura tintużax biex jitwettaq teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat, u, meta applikabbli, deskrizzjoni tan-natura u l-kamp ta' applikazzjoni ta' tali deċiżjonijiet.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi pprovduta kif ġej:

   (a) mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol għall-ħaddiema u fl-ewwel jum tal-

kuntratt għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati;

(b) qabel l-introduzzjoni ta' bidliet li jaffettwaw sostanzjalment il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-organizzazzjoni tax-xogħol jew il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tax-xogħol;

(c) fi kwalunkwe ħin fuq talba tagħhom.

4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi pprovduta b'mod li jkun ċar u jinftiehem faċilment. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jipprovdu l-informazzjoni b'mod li jkun adattat għal-livell ta' litteriżmu diġitali raġonevolment mistenni mill-ħaddiema jew mill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati biex jifhmu, filwaqt li jiġi evitat l-użu ta' lingwaġġ tekniku jew kumpless bla bżonn.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà.

5. L-għoti ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu għandu jkun limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ biex il-ħaddiem jew il-persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati jwettqu xogħolhom, jifhmu kif is-sistemi algoritmiċi jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet li jaffettwawhom, u jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.

Artikolu 4

Konsultazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-varar ta' sistemi ġodda ta' ġestjoni algoritmika, jew tali aġġornamenti għas-sistemi eżistenti, li jaffettwaw direttament ir-remunerazzjoni, l-arranġamenti tax-xogħol, jew il-ħin tax-xogħol tal-ħaddiema, jitqiesu bħala deċiżjonijiet li x'aktarx iwasslu għal bidliet sostanzjali fl-organizzazzjoni tax-xogħol jew fir-relazzjonijiet kuntrattwali u bħala tali huma soġġetti għal konsultazzjoni skont l-Artikolu 4(2), il-punt (c), tad-Direttiva 2002/14/KE.

2. Tali konsultazzjoni għandha tinkludi:

(a) l-objettivi għall-varar jew l-aġġornament kif ukoll il-proċessi tax-xogħol u l-ħaddiema affettwati;

(b) il-bidliet fl-ammont ta' xogħol, l-intensità tax-xogħol, l-iskedar, il-ħin tax-xogħol, il-flessibbiltà, jew il-kontenut tax-xogħol;

(c) l-effetti fuq is-saħħa u sikurezza okkupazzjonali;

(d) it-tipi ta' data miġbura;

(e) il-miżuri fis-seħħ biex jiġi identifikat u mmitigat il-preġudizzju jew l-eżitu diskriminatorju;

(f) il-mekkaniżmi ta' sorveljanza mill-bniedem;

(g) il-miżuri ta' taħriġ u appoġġ għall-ħaddiema affettwati u għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati affettwati.

Artikolu 5

Prattiki pprojbiti

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jkunu pprojbiti milli jipproċessaw data personali li tikkonċerna:

   (a) l-istat emozzjonali jew psikoloġiku tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati;

   (b) in-newrosorveljanza;

   (c) il-konverżazzjonijiet privati;

   (d) l-imġiba tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati waqt li ma jkunux fuq ix-xogħol jew meta jkunu fi kmamar privati;

   (e) il-previżjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali, inklużi l-libertà ta' assoċjazzjoni, id-dritt ta' negozjar u ta' azzjoni kollettivi jew id-dritt għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

   (f) l-inferenzi dwar l-oriġini razzjali jew etnika, l-istatus tal-migrazzjoni, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, id-diżabbiltà, l-istat tas-saħħa, is-sħubija fi trade union jew l-orjentazzjoni sesswali.

2. Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jiġi interpretat bħala li jippermetti prattiki li b'xi mod ieħor huma pprojbiti skont ir-Regolament (UE) 2016/679 jew ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10].

Artikolu 6

Sorveljanza u rieżami mill-bniedem

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jżommu sorveljanza effettiva mill-bniedem f'kull ħin tas-sistemi kollha ta' ġestjoni algoritmika varati fuq il-post tax-xogħol. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jiddeżinjaw, u jinfurmaw lill-ħaddiema, lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, u lir-rappreżentanti tagħhom, b'dan, lill-entità

[10] Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj).

responsabbli għall-monitoraġġ tal-funzjonament u l-impatt ta' tali sistemi, inkluża l-konformità ta' tali sistemi mal-istandards legali, tas-saħħa u tas-sikurezza u etiċi applikabbli, kif ukoll għar-rieżami tad-deċiżjonijiet tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, fuq talba, ikollhom id-dritt li jiksbu mingħand l-impjegatur jew mingħand l-akkwirent ta' servizzi, spjegazzjoni orali jew bil-miktub dwar kwalunkwe deċiżjoni li taffettwa l-aspetti essenzjali tar-relazzjoni tal-impjieg jew kuntrattwali tagħhom, inklużi l-allokazzjoni tal-kompiti, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, l-iskedar tal-ħin tax-xogħol, ir-remunerazzjoni, u l-miżuri dixxiplinari, meta kwalunkwe deċiżjoni relatata ma' tali kwistjonijiet tkun ittieħdet jew tkun ġiet influwenzata b'mod sostanzjali minn sistema algoritmika.

   L-ispjegazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi pprovduta fi żmien raġonevoli u f'format li jkun aċċessibbli u li jinftiehem mill-ħaddiem jew mill-persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati kkonċernati.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-bidu jew it-terminazzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg jew kuntrattwali, it-tiġdid jew in-nuqqas ta' tiġdid ta' ftehim kuntrattwali, u kwalunkwe bidla fir-remunerazzjoni ma jittieħdux biss abbażi tal-ġestjoni algoritmika. Tali deċiżjonijiet għandhom ikunu soġġetti wkoll għal rieżami u determinazzjoni finali minn superviżur uman.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati jkunu jistgħu jitolbu lill-impjegatur jew lill-akkwirent ta' servizzi jiskatta rieżami tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fis-seħħ fejn ikun hemm tħassib ġustifikat li tali sistemi juru preġudizzji jew ħsarat sistemiċi jew joħolqu theddida għall-benesseri mentali jew fiżiku tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati jew għas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol.

Artikolu 7

Saħħa u sikurezza okkupazzjonali

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE u għad-direttivi relatati fil-qasam tas-saħħa u sikurezza okkupazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi:

   (a) jevalwaw ir-riskji tas-sistema ta' ġestjoni algoritmika għas-sikurezza u s-saħħa tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji possibbli ta' aċċidenti relatati max-xogħol, riskji psikosoċjali u ergonomiċi kif ukoll pressjoni żejda fuq il-ħaddiema;

   (b) jivvalutaw jekk is-salvagwardji ta' dawk is-sistemi humiex xierqa għar-riskji identifikati meta jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tal-ambjent tax-xogħol;

   (c) jintroduċu miżuri preventivi u ta' protezzjoni xierqa.

Artikolu 8

Responsabbiltajiet tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-ispettorati tax-xogħol rispettivi tagħhom il-kompitu li jissorveljaw l-użu sikur u nondiskriminatorju tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.

2. L-ispettorati tax-xogħol għandhom jingħataw il-kompitu li jimmonitorjaw, jikkontrollaw u jivvalutaw:

   (a) is-sikurezza tas-sistemi algoritmiċi użati f'kuntesti ta' impjieg, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema;

   (b) li ma jkunx hemm preġudizzju u diskriminazzjoni fit-tfassil, fil-varar jew fil-funzjonament ta' tali sistemi;

   (c) l-impatt tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-ħin tax-xogħol u l-pressjoni tal-prestazzjoni fuq il-ħaddiema;

   (d) il-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva u ma' liġi applikabbli oħra tal-Unjoni u nazzjonali, inklużi dispożizzjonijiet relatati mas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u t-trattament ugwali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispettorati tax-xogħol tagħhom jingħataw riżorsi, setgħat u għarfien espert tekniku adegwati biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effettiv.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-post tax-xogħol modern għaddej minn trasformazzjoni profonda xprunata mid-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-avvanz rapidu tal-intelliġenza artifiċjali (IA). Is-sistemi ta' ġestjoni algoritmika qed jiġu varati dejjem aktar biex jgħinu lill-impjegaturi jissorveljaw, jevalwaw u jallokaw ix-xogħol, filwaqt li jsawru mill-ġdid kif jittieħdu d-deċiżjonijiet fis-setturi kollha. Filwaqt li dawn it-teknoloġiji joffru opportunitajiet biex jittejbu l-effiċjenza, il-produttività u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, jintroduċu wkoll riskji u sfidi ġodda, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasparenza, ir-responsabbiltà, is-saħħa u s-sikurezza, u d-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema. Il-pass mgħaġġel ta' din it-trasformazzjoni spiss jaqbeż il-kapaċità tal-oqfsa legali eżistenti biex jipprovdu salvagwardji adegwati, u dan iħallu lill-ħaddiema esposti u lill-impjegaturi inċerti dwar l-obbligi tagħhom.

Ir-rapporteur jemmen li l-Unjoni Ewropea jeħtiġilha tieħu passi proattivi biex tinnaviga din it-trasformazzjoni b'mod li jappoġġja kemm il-kompetittività ekonomika kif ukoll il-progress soċjali. Il-varar ta' sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol irid ikun iċċentrat fuq il-bniedem, jirrispetta d-drittijiet u jkun inklużiv mid-disinn. Għal dak l-għan, jeħtieġ li l-UE tiżgura li l-ħaddiema kollha kif ukoll il-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati jkollhom aċċess għal informazzjoni ċara, taħriġ xieraq, u parteċipazzjoni sinifikattiva fid-deċiżjonijiet li jaffettwaw il-ħajja tax-xogħol tagħhom. Fl-istess ħin, il-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, jeħtieġu ambjent regolatorju stabbli u armonizzat li jkun sempliċi, trasparenti u li jappoġġja l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni ġusta.

Ir-rapporteur iqis li direttiva qafas dedikata hija l-aktar strument legali effettiv biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi. Filwaqt li l-istrumenti eżistenti bħall-Att dwar l-IA, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, id-Direttiva dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli, u d-Direttiva dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni jipprovdu xi salvagwardji rilevanti, dawn ma jindirizzawx b'mod komprensiv il-kwistjonijiet speċifiċi maħluqa mill-ġestjoni algoritmika fir-relazzjoni bejn l-impjegatur u l-ħaddiem. Direttiva se tippermetti lill-UE tagħlaq dawn il-lakuni regolatorji billi tistabbilixxi standards minimi li jiżguraw ċertezza legali akbar, irawmu l-fiduċja fit-teknoloġija, u jippromwovu l-ġustizzja fit-trasformazzjoni diġitali tax-xogħol.

Għal dan l-għan, ir-rapporteur jipproponi direttiva li tistabbilixxi regoli ċari dwar it-trasparenza, il-konsultazzjoni u s-sorveljanza mill-bniedem fl-użu ta' sistemi ta' ġestjoni algoritmika. Dan jinkludi dispożizzjonijiet li:

- jiddefinixxu l-ġestjoni algoritmika u jistabbilixxu l-kamp ta' applikazzjoni tagħha kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati;

- jiżguraw li l-ħaddiema jirċievu informazzjoni f'waqtha, ċara u aċċessibbli dwar kif jiffunzjonaw is-sistemi algoritmiċi u kif dawn jaffettwaw il-ħidma tagħhom;

- jeżiġu konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema qabel l-introduzzjoni ta' sistemi ġodda jew aġġornamenti sostanzjali li jaffettwaw ir-remunerazzjoni, l-organizzazzjoni tax-xogħol, jew il-ħin tax-xogħol;

- jipprojbixxu prattiki speċifiċi ta' data dannużi, bħall-monitoraġġ ta' stati emozzjonali jew imġiba privata;

- jippermettu li d-deċiżjonijiet ewlenin, bħar-reklutaġġ, it-terminazzjoni, u l-bidliet fil-pagi, jibqgħu soġġetti għal rieżami mill-bniedem;

- jintroduċu obbligi speċifiċi dwar is-saħħa u s-sikurezza biex jiġu evitati pressjoni żejda u riskji psikosoċjali;

- jassenjaw responsabbiltajiet lill-ispettorati nazzjonali tax-xogħol għas-sorveljanza tal-użu sikur u nondiskriminatorju tal-għodod ta' ġestjoni algoritmika.

Ir-rapporteur jenfasizza li din il-proposta għal direttiva mhijiex maħsuba biex toħnoq l-innovazzjoni jew titfa' piż fuq in-negozji b'burokrazija żejda. Għall-kuntrarju, bl-istabbiliment ta' standards ċari, proporzjonati u li jibqgħu validi fil-futur, se tappoġġja integrazzjoni ġusta u effettiva ta' teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol. Se tgħin lill-kumpaniji, inklużi l-SMEs, jadattaw b'mod kunfidenti għall-era diġitali, tippromwovu kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern kollu, u tiżgura li l-ħaddiema jkunu mgħammra, protetti u mogħtija s-setgħa fid-dawl tal-bidla li għaddejja. B'dan il-mod, id-direttiva tikkontribwixxi għal suq tax-xogħol Ewropew modern, kompetittiv u soċjalment responsabbli.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
BusinessEurope
ETUC
Move.Eu
Indeed
Cemeet
Industriall
Addeco
Eurocadres
Technology Industries Finland
Polish Confederation Lewiatan
Polish Ministry of Labour and Social Policy
Eurocommerce
Mc Donalds Poland
Valerio De Stefano, Canada Research Chair in Innovation, Law and Society, Osgoode Hall Law School, Toronto, Canada
European Disability Forum
EU-OSHA

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.